# Talb mal-Papa

**Il-Fehma tal-Papa għal Settembru 2017**

Il-Papa Franġisku jistedinna biex matul dan ix-xahar ningħaqdu flimkien u nitolbu:-



**Biex il-parroċċi tagħna, animati minn spirtu missjunarju, ikunu l-post fejn il-komunità tkun xhieda ta' fidi u ta' karità.**

*Talba:*

Mulej, nitolbok biex tagħti d-dehen lin-nies tal-parroċċa tiegħi ħalli ma nibżgħux inħarsu madwarna u nxammru l-kmiem biex ngħinu lil kull min ikun fil-bżonn fil-parroċċa tagħna.

*X'nista' nagħmel:*

Inħares madwari u nara jekk hemmx xi ħadd li hu għaddej minn żmien diffiċli. Nieqaf u nara kif nista' nkun ta' għajnuna. Inħajjar oħrajn biex huma wkoll jagħtu daqqa t'id lil min ikun fil-bżonn.